# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-21 t' April, 2016.

Talba Numru: 859/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 2

**Argus Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Sea Bank Catering Company Limited ai termini tal-polza t'assigurazzjoni tat-tip 'Comprehensive' u ai termini tal-Ligi u l-istess Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Sea Bank Catering Company Limited (detentur tal-karta tal-identita' numru 26060(M) – La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex**

**vs**

**Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar in rapprezentanza tal-istess Kunsill Lokali Naxxar – Centru Civiku, Vjal 21 ta' Settembru, Naxxar**

**It-Tribunal,**

Ra l-eccezzjoni preliminari tal-Kunsill konvenut li permezz taghha qed jeccepixxi li dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni stante li n-natura tat-talba taqa` fil-parametri tal-parti 'A' tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta u allura hija soggetta ghal procedura ta' arbitragg mandatarju.

Ra t-talba tal-atturi li hija bazata fuq danni allegatament sofferti fuq l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBN 669 meta kienet qed tinstaq fi Triq ir-Ramla, Naxxar fejn hofra ta' daqs sostanzjali kienet imtliet minhabba xita qliel u l-attur saq fuq din l-hofra u rrizultaw id-danni.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi t-talba tar-rikorrenti hija dwar danni li sofra fil-vettura tieghu meta waqt li kien qed isuqha dahal f'hofra li skont hu ma setghax jevita u b'rizultat ta' dan il-vettura tieghu soffriet xi hsarat.

Illi l-konvenut qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq parti 'A' tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta u fin-nota tieghu jaghmel referenza specifika ghal paragrafu 1.2 tal-istess skeda li jitkellem dwar meta l-arbitragg huwa mandatarju fosthom fil-kaz ta' hsara involontarja fil-proprjeta` li tinvolvi l-vetturi.

Illi jigi rilevat li meta l-incident ikun sehh minhabba xi haga li ma jkollhiex x'taqsam mas-sewqan bhal per ezempju meta jaqa` xi hajt fuq vettura pparkjata, f'dan il-kaz dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni u dan anke kif gie deciz minn diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fosthom fil-kawza **Joseph Ciscaldi noe vs Nicholas Camilleri (Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri per RCP) deciza 19 t' April 2012** fejn l-Onorabbli Qorti qalet hekk:

"Illi din l-Qorti thoss li l-kliem tal-Ligi huwa car fis-sens li fejn hemm hsara fuq proprjeta` li tikkonsisti f'vettura u liema hsara qed jigi allegat li giet ikkawzata involontarjament mela allura tali mertu huwa suggett ghall-arbitragg mandatarju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1.2(b) tat-Taqsima 'A' tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 u dan stante li tali disposizzjonijiet mhux limitati biss ghall-hsara kkawzata fil-vetturi kawza ta' kollizjoni bejn tnejn jew aktar li huwa kopert bl-Artikolu 1.2.(a) tat-

Taqsima 'A' tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 izda wkoll ghal-hsara fil-proprjeta` li tikkonsisti f'vettura mbasta kkawzata b'mod involontarju u dan kif indikat proprju fl-Artikolu 1.2.(b) tat-Taqsima 'A' tar-Raba' Skeda tal-Kap 387."

It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghal gurisprudenza dwar din l-eccezzjoni moghtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut fil-kawza fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited et vs Roberto Borg et tal-15 ta' Lulju, 2013**. F'din is-sentenza gie stabilit li jekk il-hsara hija kawzata meta l-vettura tkun qed tigi misjuqa dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistghax jaqbel mal-interpretazzjoni moghtija mis-Socjeta' attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha stante li l-interpretazzjoni li taw l-Qrati taghna hi cara u inekwivoka.

F'dan il-kaz ghandna r-rikorrenti li kien qed isuq bil-vettura tieghu u dahal f'hofra fi triq. Li allegatament hija responsabilita` tal-Kunsill intimat u b'rizultat ta' dan sofra hsara fil-vettura tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjoni tal-Kunsill konvenut u jiddikjara li ma ghandux gurisdizzjoni biex jisma' dan il-kaz. Spejjez a karigu tal-istess Socjeta' attrici.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**